MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 29/2001/1

Rikors Nru: 29/2001

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Saviour Bonavia u Rosaria Bonavia

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fl-10 ta' Lulju, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 28 ta' Mejju, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Haz Zabbar, tal-kejl ta' madwar 340 metri kwadri, u li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Salvatore Bonavia, u mill-Grigal u mix-Xlokk ta' triq pubblika, huwa ta' erbat elef, mija u ghoxrin lira

Maltija (Lm4,120.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. tal-11 ta' Ottubru, 1999, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fil-25 ta' Lulju, 2001 fejn esponew:

1. Illi l-istima maghmulha mill-Perit Fred. H Valentino tal-11 ta' Ottubru, 1999 fuq inkarigu tar-rikorrenti ma tirriflettix il-valur tal-art oggett ta' dina l-kawza u dan ghaliex hija fabbrikabbli u tmiss ma' triq pubblika u ghalhekk hija facilment accessibbli u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak li diga' nghad aktar il-fuq dina l-bicca art tmiss ma' proprjeta' ohra tal-intimati li taghha diga' saret stima minn perit inkarigat mir-rikorrenti u li l-valur ta' dina t-tieni bicca art li ma hijiex oggett ta' din il-kawza jirrifletti l-valur reali tal-art fabbrikabbli fl-inhawi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Ra li l-partijiet qed jaqblu li l-art hija fabbrikabbli imma mhux qed jaqblu fuq il-kumpens. Ir-rikorrent qed joffri Lm4120 waqt li l-Perit imqabbad mill-intimati qed jistma l-art li tqum Lm12,000 kif xehed bil-gurament fl-24 ta’ Jannar, 2003.

Mir-relazzjoni tal-periti jirrizulta wkoll li l-art hija fabbrikabbli u l-kumpens li haqqha hu ta’ Lm12,000.

Ghalhekk il-Bord, qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jittrasferixxu b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka bicca art f’Haz Zabbar, tal-kejl ta’ madwar 340 metri kwadri, u li tmiss mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Salvatore Bonavia, u mill-Grigal u mix-Xlokk ta’ triq pubblika bil-kumpens ta’ Lm12,000.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar l-Erbgha 12 ta’ Lulju, 2006 fid-9:00a.m u jahtar lill-avukat Dottor Melvin Mifsud biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci;
Billi l-kumpens iffissat mill-Bord hu daqs dak mitlub mill-intimati l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------